KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sittin (60)

## It-Tnejn, 11 ta’ Marzu , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fl-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur Zgħazagħ |

**SKUZATI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b’talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**60.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm apoloġija. Il-Kunsilliera Dr. Josainne Cutajar informat lis-Segretarja li ma tistax tattendi. Din ġiet skużata minn dawk preżenti.

**60.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tad-disa' u Ħamsin (59) laqgħa tal-15, ta' Frar, 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**60.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku ta update tas-Sitwazzjoni Finanzjara b'referenza għal e mail li intbgħat lil Kunsilliera qabel laqgħa. Is-Sindku innota ukoll li daħlu €9,000 mingħand il-wasteserv u €15,000 tac-Charter. Ser jidħlu daqt €1,500 ta' GSD, tal-MGOZ u Skema tal-Karnival.

Is-Segretarja innotat li ser nibdew niehu reimbursement ta' 5% management fee mingħand Wasteserv.

Ser jinħareg ukoll refund lis-Segretarja, Viċi Sindku u s-Sindku fuq ta' Baveno.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. Dawn il-Kontijiet kienu:- ESS.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

***Budget 2019-*** Is-Sindku spjega fid-dettal dan ir-rapport. Wara diskussjoni dan ir-rapport ġie approvat minn dawk kollha preżenti.

Il-Viċi Sindku innota li l-finanzi f'din il-legislatura kienu qedin f'pożizzjoni ferm aħjar. Huwa rringrazzja lis-Sindku, Segretarja u l-Accountant tal-Kunsill.

**60.4. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Mozzjonijiet**

***Mozzjoni dwar Kuntratt tal-iskrivan***.- Is-Segretarja innotat li l-Kunsillier Michael Camilleri bgħar l-approvazzjoni fuq din il-mozzjoni nru. 1/2019 permezz ta' email peress li kellu jitlaq kmien fil-laqgħa numru 59.

***Laqgħa Skart Organiku*** – Is-Segretarja innotat li hi attendit għal din il-laqgħa. Hi tat update fuq din il-laqgħa. Kien hemm qbil li is-Segretarja tkellem lil Kuntrattur biex jibda jizen l-iskart tan-Nadur waħdu u mhux ma' ta' Kunsilli oħra.

***Baveno –*** Is-Sindku innota li dawn ser jilqgħuna tajjeb ħafna u qed jorganizzaw programm huma stess.

***Ħsarat kawza ta Maltemp f'Daħlet Qorrot u San Blas***- Is-Sindku innota li hemm spejjeż kbar fil-bajjiet li huma skont l-istima tal-Perit tal-Kunsill madwar €6,000 fuq il-Bajja ta' Daħlet Qorrot u €12,000 fuq il-Bajja ta' San Blas. Is-Segretarja informat lil Ministru għal Għawdex b'din l-istima biex jkun hemm għajnuna minn naħa tal-MGOZ. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm il bzonn il-Kunsill jgħin ukoll kemm finanzjament kif ukoll b'riżorzi oħra.

***Ritratti tal-progetti***- Is-Sindku issuġġerixxa li jkollna ritratti ariel view fuq il-proġetti mingħand Brian Thom. Kien hemm qbil fuq dan.

**60.5. Korrispondenza.**

(6420) Cirk AKL 2019/026- Valuatazzjoni ta' ħsarat kawżati mill-maltemp

(6421) Email mingħand Ambjent Malta dwar Urban Greening Project 2019**- Kien hemm qbil li dawn l-fondi jintuzaw għal aktar planters madwar ir-raħal. Ġie ssuġġerit l-area ta' Grunju ma' Triq San Gwann, Pjazza, Triq it-Tigrija ħdejn il-bring in sites, ta' Xurdin, l-playing field ta' San Blas u postijiet oħra dejjem skont l-budget ta' dawn il-fondi. Is-Segretarja ser tattendi laqgħa Malta rigward dan il-progett.**

(6422) Cir AKL 2019/023- Preżentazzjoni ta' donazzjoni miġbura mill-Kunsilli Lokali lill MCCF 28/02/19

(6423) E mail mingħand ERA dwar stedina għal-laqgħa informattiva fuq regolamenti

(6424) E mail mingħand Local Government Division dwar Wifi4EU. **Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill tan-Nadur ġie awarded 15,000 fuq Wifi 4 EU. Rigward postijiet ser naraw fejn l-aħjar u anke biex ikun hemm aktar saħħa milli hemm prezenti f'ċertu postijiet**.

(6425) Cirk AKL 2019/020- Latrina Pubblici- Żoni Turistiċi

(6426) Cirk AKL 2019/021- Preżentazzjoni Laqgħa Plenarja Frar 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6427) PQ9030

(6428) Invite: Homelessness Conference organised by FSWS in Gozo

(6429) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar United Nations Economic Commission for Europe

(6430) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Sqarrija għall-Istampa mill-Kummissjoni Elettorali

(6431) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Sqarrija mill-Kummissjoni Elettorali- Ħatra ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali

(6432) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Sqarrija mill-Kummissjoni Elettorali – Ċittadini ta' stat membru tal-Unjoni Ewropea u li jixtiequ jivvotaw Malta

(6433) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Sqarrija mill-Kummissjoni Elettorali Principali u Stqarrija għall-istampa- Reviżjoni tar-reġistri Elettorali

(6434) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Ħsarat ikkawżati bil-Maltemp

(6435) Ittra mingħand EU & International Affairs dwar URBACT

(6436) Ċirkulari SPI4/2019- Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-sigar u l-Imsaġar. **Ser jattendu l-ħaddiema Saviour Xiberras u Ivan Xuereb flimkien mas-Segretarja għal dan is-seminar.**

(6438) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar – A Benchmark for national performance indicatiors

(6439) Sqarrija għall-Istampa – Indirizz ġdid għas-Sezzjoni tal-Immaniġġjar tal-Indirizzi

(6440) ESF 040073-PA- Citizen Engagement- Local Councils- Invitation

(6441) Ċir AKL 2019/025- Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 17

(6442) E mail mingħand il-MGOZ dwar Dwejra looking Beyond 2019

(6443) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Post għal Tribunal ta' Għawdex

(6444) Ittra mingħand il-Gvern Lokali dwar Seminar Skemi dwar stil ta' Ħajja aħjar għac-cittadin

(6445) Abozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jamenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap 363

(6446) Cir AKL 2019/022 Ringrazzjament – Sort it out bins

(6447) Cir AKL2019/027- Bliet u Regjuni għall-Integrazzjoni tal-Migranti

(6448) Ittra mingħand Lands dwar Declaration of survey- Nadur

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## 60.7 Karnival 2019 post-mortem;

***Karnival Organizzat*** – Kien hemm bidla fil-gurnata minħabba l-maltempata. Is-Sindku innota li l-attendenza u r-rispons tan-nies kienet waħda kbira. Il-Kunsill ser ikollu ukoll video ta' 30minuta fuq dan il-Karnival Organizzat.. Il-Viċi Sindku issuġġerixxa li sena oħra titħabbar li f'kaz ta' maltemp l-Karnival isir il-Ħamis minflokk il-Ħadd. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u l-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxew li għal sena oħra jkun hemm sound aktar bilanċjat fil-Pjazza.

***Karnival Spontanju*** – Is-Sindku innota li kien hemm kontroll, is-sound system reggħet kienet ta' suċċess ukoll. L-attendenza kienet kbira ukoll u kien hemm rispons tajjeb tan-nies fuq dan il-Karnival. Ħawnhekk is-Sindku faħħar l-indafa li kien hemm, kemm mingħand il-kuntrattur kif ukoll mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill. Marie Clare ser taghmel ukoll short video ta dan il-Karnival Spontanju.

## 60.8 Attivitajiet u Inizjattivi;

***Ħarga Anzjani*** – Din il-ħarga ser tkun fis-27 ta' Marzu f'Malta fejn ser immorru il-Mosta, il-Kurja u l-Malta Experience.

***Attivita tat-Tfal*** – Kien hemm qbil li din l-attivita' tkun fis-27 ta' April. Is-Sindku ssuġġerixa li tingabar donation mingħand il-genituri għal din l-attivita'. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li d-donation tingabar għal Dun Raymond Portelli għal Peru. Kien hemm qbil fuq dan.

***Charter Estonia Annual meeting 18-22 ta' Lulju 2018–*** Is-Sindku innota li hemm interessati sa issa - l-Viċi Sindku, Is-Sindku, Is-Segretarja Ezekuttiva, Maria Grech, Natalie Cassar, Miriam Grech, Matthias Mercieca, Kylie u Peter Muscat.

***Attivita' għal Volontiera*** – Din l-attivita' ser tkun is-Sibt 27 ta' April fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku għamel Mozzjoni biex tingħata Cittadinanza lil Pietro Bernardo tal-Pro Loco ta' Cicciano. Din il-mozzjoni kien sekondata mill-Kunsillier Micheal Camilleri u kien hemm qbil mill-Kunsilliera l-oħra prezenti.

***Nadur Nadif –*** Is-Sindku issuġġerixa flimkien ma Luke Galea li jkun hemm Clean Up ma' l-iskola fis-16$^{th}$ April fi Triq ta' Daħlet Qorrot. Kien hemm qbil fuq dan.

***Attivita Librerija*** – Din l-attivita ser tkun fit-30 ta' Marzu mal-Assoċċazzjoni tal-libreriji fejn ikun hemm Easter crafts.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

***Figolli*** – Kien hemm qbil li jiġu ordnati figolli bhas soltu biex jitqassmu fl-Għid. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jkun hemm kaxxa tan-nar bhala salut għal Irxoxt.

## 60.9 Proġetti u Xogħolijiet;

***Rural Roads*** – Hemm variations u se nitolbu extension u talba għal extras.

***Triq Zrajk*** – Din daqt tkun lesta kemm tingħata konkos fil-ġranet li ġejjin. Kien hemm qbil li l-Kuntrattur jibqa' nizel bil-konkos aktar l isfel f'din it-Triq. L-istima ta' din il-biċċa hi madwar €5,000 kien hemm qbil fuq dan.

***Safety Mats*** – Dawn lesti ġie maqbul li jkun hemm tip ta' attivita' li tinvolvi t-tfal.

***Outdoor Gym*** – Is-Segretarja marret fuq il-post mal-Kuntrattur OPAL flimkien mal-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur tal-bankini. Ser jitneħħa l-mattocina li hemm bzonn biex jitpogga s-safety mats u l-apparat tal-outdoor gym.

***Murial ta' Xhajma*** – Is-Sindku innota li Mary Portelli li tagħmel il-mosaic interessata tapplika fuq skema biex tagħmel murial fi Triq ta' Xhajma fil-parti tal-entratura tan-Nadur. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Segretarja ser tkellem lil Perit fuq dan ukoll flimkien ma' Mary Portelli fuq il-post.

***M4.4*** – Ħitan tas-sejjieħ – Kien hemm qbil li nagħmlu survey u napplikaw għal Daħlet Qorrot. Is-Segretarja ser tkellem lil William Sultana rigward l-applikazzjoni u lil surveyer John Paul Cefai.

## 60.10 Offerti Pubblici;

***NLC/02/2019- Tender Supply of water and watering of public garden/soft areas in the locality of Nadur.*** Kien hemm offerta waħda biss li kienet konformi ta' Sammy Attard bl-ammont ta' 23.40euro per bowser excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

Inħargu l-offerti fuq uzu ta' Truck u tal-patching. Fil-granet li gejjin ser jinħargu l-kwotazzjonijiet fuq l-Imnarja 2019.

## 60.11 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Talba mill-Gvern għal Gaffa sabiex jitkomplew ħitan sejjieħ San Blas.

Talba għal bozza ġdida ħdejn ir-Rock Garden. Kien hemm qbil fuq din.

Talba għal bozza ġdida Triq Mgarr. Din kienet diga giet diskussa fil-passat. Kien hemm qbil fuqha.

Talba għal double yellow line Triq Rakela Camilleri fi sqaq.

Talba mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri dwar yellow lines fi Triq it-Tigrija. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud astjenit u kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra prezenti.

Talba mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri dwar rampa fi Triq Rabat Rd. Kien hemm qbil fuq din.

Talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar dwar solar panels fi Triq Inzul il-Franċizi. Dawn ser jitrangaw.

Talba mingħand il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għal bin ħdejn il-Mekrin. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm talba mingħand il-Museum Bniet biex ikun hemm kollaborazzjoni fit-transport tat-tfal. Kien hemm qbil fuq dan.

**60.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn 15 ta' April, 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |